

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL 2012/256/PESK**tal-14 ta' Mejju 2012****li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/782/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

*Artikolu 1*Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 2011/782/PESK ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 21(1) tagħha,

Il-persuni u l-entitajiet elenkati fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiżdiedu mal-lista li tinsab fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2011/782/PESK.

Billi:

Artikolu 2

L-Anness I tad-Deċiżjoni 2011/782/PESK għandu jiġi emendat kif stabbilit fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

(1) Fl-1 ta' Diċembru 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/782/PESK.

Artikolu 3

(2) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fis-Sirja, għandhom jiġu inklużi aktar persuni u entitajiet fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2011/782/PESK.

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Mejju 2012.

(3) Addizzjonalment, l-informazzjoni relattiva għal tliet persuni elenkati fil-lista fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2011/782/PESK għandha tiġi aġġornata, u persuna waħda għandha titneħħa mil-lista,

*Għall-Kunsill**Il-President*

C. ASHTON

⁽¹⁾ ĠU L 319, 02.12.2011, p. 56.

ANNEX 1

Persuni u entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 1

Persuni

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1.	Adib Mayaleh	Imwieled fl-1955, f'Daraa	Adib Mayaleh huwa responsabbli mill-għoti ta' appoġġ ekonomiku u finanzjarju lir-reġim Sirjan permezz tal-funzjonijiet tiegħu bħala l-Gvernatur tal-Bank Ċentrali tas-Sirja.	15.5.2012
2.	Salim Altoun, magħruf ukoll bħala Saleem Altoun, magħruf ukoll bħala Abu Shaker	President u Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-Altoun Group Imwieled fl-1940 f'Cara-cas, il-Venezwela Għandu ċittadinanza Venezwelana, numru tal-identifikazzjoni 028173131 (probabbilment jippossjedi passaport Venezwelan). Għandu residenza Leba-niża u numru tal-permess tax-xogħol 1486/2011	Jagħti appoġġ finanzjarju lir-reġim. Involut fi skema permezz tal-Altoun Group biex jiġi esportat iż-żejt Sirjan mal-kumpannija elenkata Sytrol sabiex jiġi pprovdut dħul għar-reġim.	15.5.2012
3.	Youssef Klizli	Assistent ta' Salim Altoun	Jagħti appoġġ finanzjarju lir-reġim. Għen lil Salim Altoun biex joħloq skema permezz tal-Altoun Group biex jiġi esportat iż-żejt Sirjan mal-kumpannija elenkata Sytrol sabiex jiġi pprovdut dħul għar-reġim.	15.5.2012

Entitajiet

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1.	General Organisation of Tobacco	Salhie Street 616, Damasku, Sirja	Tagħti appoġġ finanzjarju lir-reġim Sirjan. Il-General Organisation of Tobacco hija kollha proprjetà tal-istat Sirjan. Il-profitti li tagħmel l-organizzazzjoni, inkluż permezz tal-bejgħ tal-liċenzji biex jitqiegħdu fis-suq ditti barranin tat-tabakk u taxxi imposti fuq l-importazzjonijiet ta' ditti barranin ta' tabakk, jiġu ttrasferiti għall-istat Sirjan.	15.5.2012
2.	Altoun Group	Altoun Group Maaraba Damascus Countryside North Circular Highway Damascus Sirja tel.: 00963-11-5915685 Postal Box 30484 1987 US SIC Codes 6719 NACE Codes 7415	Tagħti appoġġ finanzjarju lir-reġim Sirjan. L-entità hija involuta fi skema biex jiġi esportat iż-żejt Sirjan mal-kumpannija elenkata Sytrol sabiex jiġi pprovdut dħul għar-reġim.	15.5.2012

ANNEX II

1. L-entrati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 36/2012 għall-persuni msemmija hawn taħt għandhom jiġu sostitwiti bl-entrati li jinsabu hawn taħt:

Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data ta' elenkar
Manal Al Assad (a.k.a. Manal Al Ahmad)	Twieldet: 02.02.1970 Post tat-twelid: Damasku Nru tal-passaport (Sirjan): 0000000914 Isem ta' xebba: Al Jadaan	Konjuġi ta' Maher Al Assad, u b'hekk tibbenefika minn, u assoċjata mill-qrib mar-reġim.	23.3.2012
Issam Anboubia	President ta' Anboubia for Agricultural Industries Co. Twieled fl-1952 f'Homs, is-Sirja	Jipprovdi appoġġ finanzjarju għall-apparat ripressiv u għall-gruppi paramilitari li jużaw il-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili fis-Sirja. Jipprovdi proprjetà (binjiet, imħażen) għal ċentri ta' detenzjoni improvviżati. Għandu relazzjonijiet finanzjarji ma' uffiċjali għoljin Sirjani.	2.9.2011
Mazen al-Tabba	Twieled: 01.01.1958 Post tat-twelid: Damasku Nru tal-passaport (Sirjan): 004415063 li jiskadi 06.05.2015	Soċju kummerċjali ta' Ihab Makhoul u Nizar al-Assad (soġġetti għal sanzjonijiet fit-23/08/2011); ko-proprjetarju, flimkien ma' Rami Makhoul, tal-kumpanija tal-kambju monetarju Al-Diyar lil-Saraafa (a.k.a. Diar Electronic Services), li tappoġġa l-politika tal-Bank Ċentrali tas-Sirja	23.3.2012

2. L-entrata li tinsab hawn taħt għandha titneħħa:

68. Saqr Khayr Bek.